

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1015/2008**tas-16 ta' Ottubru 2008****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1003/2008 li jiffissa d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mis-16 ta' Ottubru 2008**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali li huma applikabbli mis-16 ta' Ottubru 2008 ġew iffissati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1003/2008 ⁽³⁾.

- (2) Ġaladarba l-medja kkalkulata tad-dazji ta' l-importazzjoni varjat b'EUR 5/t mid-dazju ffixsat, jeħtieġ li jsir aġġustament korrispondenti tad-dazji ta' l-importazzjoni ffixsati bir-Regolament (KE) Nru 1003/2008.

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1003/2008 għandu jiġi emendat skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u II għar-Regolament (KE) Nru 1003/2008 huma mibdula bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika fis-17 ta' Ottubru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.⁽³⁾ ĠU L 275, 16.10.2008, p. 34.

ANNEX I

Dazji ta' l-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mis-17 ta' Ottubru 2008

Kodiċi NK	Isem tal-merkanziji	Dazju ta' l-importazzjoni ⁽¹⁾ (EUR/t)
1001 10 00	QAMĦ iebes ta' kwalità għolja	0,00 ⁽²⁾
	ta' kwalità medja	0,00 ⁽²⁾
	ta' kwalità baxxa	0,00 ⁽²⁾
1001 90 91	QAMĦ għaż-żriġh	0,00
ex 1001 90 99	QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żriġh	0,00 ⁽²⁾
1002 00 00	SEGALA	19,11 ⁽²⁾
1005 10 90	QAMĦIRRUM għaż-żriġh minbarra dak ibridu	8,68
1005 90 00	QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żriġh ⁽³⁾	8,68 ⁽²⁾
1007 00 90	SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żriġh	19,11 ⁽²⁾

⁽¹⁾ Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

- EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta'
- EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

⁽²⁾ Skond ir-Regolament (KE) Nru 608/2008, l-applikazzjoni ta' dan id-dazju hija sospiża.

⁽³⁾ L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

ANNEX II

Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I

15 ta' Ottubru 2008

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

(EUR/t)

	Qamħ ⁽¹⁾	Qamħirrum	Qamħ iebes kwalità għolja	Qamħ iebes, kwalità medja ⁽²⁾	Qamħ iebes kwalità baxxa ⁽³⁾	Xgħir
Borża	Minnéapolis	Chicago	—	—	—	—
Kwotazzjoni	195,25	112,11	—	—	—	—
Prezz FOB USA	—	—	281,83	271,83	251,83	116,56
Tariffa fuq il-Golf	—	16,98	—	—	—	—
Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar	4,76	—	—	—	—	—

⁽¹⁾ Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].⁽²⁾ Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].⁽³⁾ Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam 19,27 EUR/t

Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: 17,80 EUR/t